MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Nru 47

## Laqgha Annwali tal-Kommunita

Il-Hamis 15 ta' April 2021

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' virtwalment permezz ta` ZOOM nhar il-Hamis 15 ta` April 2021 fis-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Vici Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Mark Anthony Sammut – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Maria Micallef - Kunsilliera

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

Ghal din il-laqgha attendew 18 - il resident

## AĠENDA

| | |
|---|---|
| 047.1 | Qari tal-Minuti tal-Aħħar Laqgħa; |
| 047.2 | Preżentazzjoni tar-Rapport Amministrattiv 2020; |
| 047.3 | Preżentazzjoni tar-Rapport Finanzjarju 2020; |
| 047.4 | Pjan ta' Ħidma 2021-2025; |
| 047.5 | Mistoqsijiet u Suġġerimenti. |

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-sitta u nofs ta' filgħaxija (6:30pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li s-Sinjorina M Micallef ma kinitx ser tattendi laqgha minhabba ragunijiet personali. Din it-talba giet miqlugha minn dawk prezenti.

### 047.1. Qari tal-Minuti tal-Ahhar Laqgha

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li ma kienx hemm minuti tal-ahhar laqgha ghar-raguni li ma kien attenda hadd ghall-laqgha.

### 047.2. Prezentazzjoni tar-Rapport Amministrattiv 2020

Is-Sindku Dr.Marija Sara Vella qrat ir-Rapport Amministrattiv ghas-sena 2020, il-hidma li saret mill-Kunsill Lokali tal-Gudja f'diversi setturi matul is-sena 2020.

047.3. **Prezentazzjoni tar-Rapport Finanzjarju 2020**

Is-Sindku prezentat ir-Rapport Finanzjarju ghas-sena 2020, fejn tat spjegazzjoni dwar kif il-Kunsill ghalaq is-sena 2020 finanzjarjament. Fost diversi punti, is-Sindku qalet li fis-sena 2020 il-Kunsill kien ghamel surplus ta` €14,855 ftit inqas mis-sena ta` qabel. Kien hemm ukoll zieda ta` €40K fid-dhul tal-Kunsill, fejn jinkorpora fondi ta` sena 2020 u l-allokazzjoni. Matul is-sena 2020 kien hemm tnaqqis fil -flus li jinsabu fil-kont bankajri tal-Kunsill mqabbel ma` snin precedenti u dan ghal fatt li kien ammont sostanzjali ta` flus li hargu minhabba l-progett ta` Mizura 4.3, xoghlijiet li saru fi toroq rurali f`Ta` Loretu u f`Ta` Lampat, liema progett ta dehra gdida l-area rurali tal-Gudja

047.4. **Pjan ta` Hidma 2021-2025**

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella prezentat u qrat ir-rapport ta` Pjan ta` Hidma ghas-snin 2021-2025, f`liema rapport gie spjegat x`inhi l-vizjoni tal-Kunsill ghal matul il-hames snin li gejjin. Is-Sindku qalet li l-Kunsill ser jkompli jahdem ghall-gid tar-residenti f`kull settur.

047.5 **Mistoqsijiet u Suggerimenti**

Is-Sindku qrat il-messaggi li ntbaghtu minn xi whud mir-residenti li kienu prezenti.

Resident ghamel referenza ghall-problema tal-hamiem selvagg. Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill kien fassal bye laws u ghadda dokumenti kollha lid-Dipartiment ghall-approvazzjoni tal-Ministru. Din il-bye law qed isir sabiex kull min jinqabad jitma dawn il-hamiem, jigi mharrek b`multi. Appari minn hekk is-Sindku qalet ukoll li AKL ser tghin ukoll lill-Kunsilli li ghandhom din il-problema fil-lokalita taghhom.

Resident iehor ghamel referenza ghax-xoghlijiet pendenti fi Triq Santa Katerina u zewg toroq tal-madwar. Is-Sindku spjegat li bhalissa ghaddejin diskussjonijiet mall-IM u l-kuntrattur tal-Kunsill sabiex jintlahaq ftehim sabiex ix-xoghol li sar mhux tajjeb, jittranga u jkun jista` jibda jitqieghed il-madum.

Resident iehor ssugerriexa sabiex il-Librerija Pubblika tal-Gudja tiftah ukoll is-Sibt sabiex jinghata servizz ghal min ma jkun jista` jattendi fost il-gimgha. Is-Sindku qalet li l-Kunsill ser jipprova biex dan is-servizz jigi estiz anke ghas-Sibtijiet.

Resident iehor talab sabiex jintbghat aktar ta` spiss il-kennies fi Triq Dun Pietru Farrugia

Resident iehor talab sabiex ma jithallux jghaddu vetturi fil-qalba tar-raba` ghajr ghal bdiewa li ghandhom l-ghelieqi f`dik iz-zona. Is-Sindku qalet li wiehed irid jikkunsidra hafna affarijiet biex naslu ghal din il-konkluzjoni.

Resident iehor ssugerriexa sabiex isiru xi tabelli sabiex ma jidhlux karozzi mhux mill-Gudja fil-qalba tar-rahal. Is-Sindku qalet li dan is-suggeriment jista` jigi kkunsidrat.

Is-Sindku rringrazzjat lil kull min attenda ghal din il-laqgha.

**Tmiem tal-laqgħa**

Il-Laqgha ntemmet fis-sebgha u nofs ta` filghaxija (7:30pm).

Konfermati, illum Tlieta 8 ta' Gunju 2021

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv